# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 23 ta’ Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Mario Gauci**
**Doreen Magri**
**Anthony Borg**
**Mary Muscat**
**Carmel Mangion**
**Maurizio Zahra**

**Kumpilazzjoni Nru: 849/2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:-

**Mario Gauci** u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 324668(M);

**Doreen Magri** u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 292071(M);

**Anthony Borg** u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija 387970 (M);

**Mary Muscat** u detentrici tal-karta ta' l-identita' Maltija 194355(M);

**Carmel Mangion** u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 510853(M); u

**Maurizio Zahra** u detentur tal-karta ta' l-identita' 286179(M).

Akkuzati talli fil-11 ta' Gunju 2008 u fil-granet u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) Ircivew minghad xi hadd iehor jew kisbu minghand Marvin McKay weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

(b) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom, ikkagunaw lil Marvin McKay biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu kew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U lil **Anthony Borg, Maurizio Zahra u Mario Gauci** wahedhom talli saru recedivi a termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi, liema sentenzi definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U lil **Anthony Borg** wahdu tali kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-26 ta' Marzu, 2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat Anthony Borg miet fil-21 ta' Frar 2010.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Anthony Borg miet fil-21 ta' Frar 2010[1]; il-procediment fil-konfront tieghu ghalhekk huwa ezawriet[2].

Ikkunsidrat

Illi l-proceduri odjerni gew intavolati fuq rapport maghmul lill-pulizija minn certu Marvin Mckay dwar uzura. Ix-xhud principali f'dan il-kaz huwa fil-fatt l-imsemmi Marvin Mckay li kien jiggestixxi restaurant b'l-isem Al Mare.

Illi fid-depozizzjoni tieghu dan Marvin Mckay jispjega li fis-sena 2003 kien ghadu kif ha f'idejh (minghand missieru) il-gestjoni tar-restaurant imsemmi u affaccja problemi finanzjarji. Hu ma xtaqx juri lill-familja tieghu, ghalhekk ghamel kuntatt ma'l-imputat Mario Gauci u ssellef elfejn Lira Maltija (Lm2,000) minghandu; ta' dawn l-elfejn Lira kellu jhallas s-somma ta' erbghat elef Lira (Lm4,000) liema somma kellha tithallas f'pagamenti ta' mija u hamsin Lira gimgha. Mckay jghid li huwa ma setghax ilahhaq mal-pagamenti ghalhekk kellem lill-imputata Doreen Magri u minghandha ssellef elf u hames mitt Lira (Lm1,500); il-ftehiem maghha kien li jhallas imghaxx ta' mija u hamsin Lira fil-gimgha sa kemm jaghtiha l-kapital. Ftit wara Mckay issellef somma ohra ta' elf Lira (Lm1,000) minghand Mario Gauci li taghhom kellu jhallas imghaxx ta' mitt Lira fil-gimgha; u ssellef hames mitt Lira (Lm500) ohra minghand Doreen Magri li taghhom kellu jhallas imghaxx ta' mitt Lira fil-gimgha. Pero ma setghax ilahhaq il-pagamenti li kellu. F'dan l-istadju Mckay sar jaf b'l-imputat Anthony Borg (li kien maghruf bil-laqam *il-Bona*); issellef elf u hames mitt Lira (Lm1,500) li fuqhom kellu jhallas imghaxx ta' mija u hamsin Lira fil-gimgha. Aktar minn hekk kellu jiffirmalu l-logbook tal-karozza tieghu biex jiggarantixxi l-hlasijiet. Mckay ma rnexxielux izomm mal-pagamenti u s-sitwazzjoni ma'

[1] Ref certifikat tal-mewt Dok AF25 a fol 512.

[2] Tenut kont ta' dan il-Qorti mhux ser taghmel referenza ghall-provi prodotti li jirreferu unikament ghall-imputat Anthony Borg u li setghu kienu utli biss fil-konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet fir-rigward tieghu.

Borg eskalat tant li fi zmien qasir Borg kien qed jitlobu s-somma ta' hamest elef Lira. Mckay gab din is-somma minghand zijuh Alfred Mckay pero Borg accetta il-hamest elef bhala imghax u kien ghadu qed jippretendi r-rifuzzjoni tal-kapital ta' elf u hames mitt Lira. Mckay ghalhekk rega mar ghanda Doreen Magri u ssellef elf u hames mitt Lira (Lm1,500) minn ghandha biex jaghtihom lil Borg; ghal dan l-ammont lil Magri kellu jhallasha tlett elef Lira kif ukoll imghaxx ta' mija u hamsin Lira fil-gimgha.

Ghadda ftit zmien u Mckay rega gie bzonn il-flus u rega mar ghand Anthony Borg li tah elfejn Lira (Lm2,000) u s-sitwazzjoni regghet eskalat; Mckay kellu jerga jdur fuq Mario Gauci u Doreen Magri li tawh hames mitt Lira (Lm500)[3] li fuqhom kellu jhallas hamsa u tlettin Lira fil-gimgha imghaxx; u tlett elef Lira (Lm3,000)[4] li fuqhom kellu jhallas mija u hamsin Lira fil-gimgha imghaxx. F'dan l-istadju missier Mckay (Anthony ) sar jaf bid-dejn li ibnu kellu ma' Gauci ghalhekk mar ghand Gauci u lahqu ftehiem biex Gauci jithallas is-somma ta' tlett elef u hames mitt Lira saldu. Peress li Mckay kien ghad baqalu pendenzi ohra huwa avvicina lil certu Mary Muscat u min ghandha ssellef elf Lira (Lm1,000) li taghhom kellu jhallas mitt Lira fil-gimgha imghaxx. Fil-frattemp missier Mckay hallas il-pendenzi li kien hemm ma' Doreen Magri ukoll billi taha sebghat elef Lira.

Minhabba problemi ma' diversi krudituri tan-negozju u xi nies ohra Mckay kellu jerga jirrikorri ghand Mario Gauci li, f'temp ta' tlett gimghat, tah tlett elef Lira (Lm3,000); fuq kull ammont ta' elf Lira kellu jhallas mitt Lira imghaxx fil-gimgha. Mckay baqa ma jistax jaghmel il-pagamenti miftehma ghalhekk irrikorra ghand l-imputat Carmelo Mangion u ssellef elf Lira (Lm1,000) li taghhom kellu jaghtih elf u mitejn Lira l-gimgha ta' wara; peress li ma kellux dan l-ammont xi jhallas fiz-zmien stipulat baqa jhallas imghaxx ta' mitejn Lira fil-gimgha. Mckay rega' mar ghand Doreen Magri u Mary Muscat u ssellef minghand Magri elf Lira (Lm1,000) b'imghaxx ta' mija fil-gimgha, u minghand Muscat elfejn Lira (Lm2,000) li jsiru elfejn Lira u imghaxx ta' mitejn Lira fil-gimgha.

Il-problema ma' Borg kienet ghadha mhux risolta ghalhekk Mckay kellu jerga jirrikorri ghand missieru u zijuh (Alfred) li sellfu hamsa u ghoxrin elf Lira (Lm25,000) li minnhom sbatax il-elf hallashom lil Anthony Borg li pero xorta kien qed jippretendi aktar flus. Mckay ghalhekk mar ghand

[3] Dawn taghhomlu Mari Gauci.
[4] Dawn taghthomlu Doreen Magri.

Mangion u talbu tlett elef Lira (Lm3,000) taghhom kellu jhallas hames mitt Lira imghaxx fil-gimgha. Mckay jghid li ma kienx qed izomm mal-pagamenti miftehma ma' Mangion u wara xi zmien ftehmu li ta' l-erbghat elef (total) li kien issellef kellu jaghtih tlettin elf Lira. Sadattant Mckay sar jaf lill-imputat Maurizio Zahra u minghandu issellef f'tlett okkazzjonijiet is-somma ta' ghaxart elef Lira (Lm10,000 x 3); ghal kull ammont ta' ghaxart elef Lira kellu jirrifondi ghoxrin elf Lira pagabbli hames mitt Lira kull jum. Eventwalment lil Zahra rega' talbu elf Lira ohra (Lm1,000) lil taghhom kellu jhallas mitt Lira imghaxx fil-gimgha. Minhabba li Mckay ma kienx qed ilahhaq mal-pagamenti dovuta lil Zahra huma lahqu ftehiem iehor dwar kif kellu jithalls l-imghaxx miftiehem. Minkejja li kellu problemi bil-pagamenti li kienu gia ftehmu dwarhom Mckay issellef elf Lira (Lm1,000) ohra minghand Zahra. Inqala' disgwid fuq ir-rifuzzjoni ta' dawn l-elf Lira li spiccaw thallsu minghand iz-zijiet ta' Mckay.

Mckay ra li kien dahal fi sqaq li ma jistax johrog minnu, is-sitwazzjoni ma' Anthony Borg kienet kompliet teskala, ghalhekk mar jaghmel rapport lill-pulizija. Mckay zied jghid li kien hemm zmien meta rega' mar ghand Mario Gauci u minghandu issellef is-sommom ta' hmistax il-elf Lira (Lm15,000), elfejn u sitt mitt Lira (Lm2,600), tlett elef Lira (Lm3,000), hmistax il-elf Lira (Lm15,000) u elfejn Lira (Lm2,000); fuq dawn l-ammonti kollha (hlif ghall-ahhar elfejn Lira) kien hemm imghaxx dovut ta' mijiet fil-gimgha. Issellef aktar flus minghand Mary Muscat: elf Lira f'tlett okkazjonijiet (Lm1,000 x 3) b'imghaxx ta' mitt Lira fil-gimgha fuq kull elf; minghand Doreen Magri hmistax il-elf Lira (Lm15,000) li fuqhom kellu jhallas imghaxx ta' hames mija fil-gimgha. Minghand Magri jghid li ssellef ammonti ohra pero Mckay ma setax jiftakar kemm kienu. Minghand Carmelo Mangion ukoll rega' ssellef: elfejn Lira (LM2,000) li kellhom jithallsu lura fi zmien tlett ijiem flimkien ma' hames mitt Lira imghaxx; u s-somma ta' elf Lira (Lm1,000) biex jaghmlu tajjeb ghal xi hsara fir-restaurant li taghhom kellu jhallas imghaxx ta' mitejn Lira.

Dawn l-ammonti kollha ssellifhom qabel ma sar ir-rapport lill-pulizija. Wara li ghamel ir-rapport lill-pulizija Mckay waqaf jaghmel pagamenti lill-imputati. Mckay spjega ukoll li kien hemm zmien meta kien iffalsifika l-firma ta' missieru u hareg xi cekkijiet minn cheque book ta' missieru; jghid ukoll li huwa kien jitlob lic-chef, certu Raymond Fauizza, biex jaghtih cekkijiet biex bihom ihallas lil uhud mill-imputati. Mckay spjega li c-cekkijiet kien jiffirmahom Fauizza u kienu jhalluhom blank biex isem lil min kellu jkun pagabbli jimlewh l-imputati jew min minnhom. Mill-persuni

indikati f'dawn ic-cekkijiet Mckay jghid li Anysia Gauci hija t-tifla ta' Mario Gauci, Susanne Gauci hija l-mara ta' Mario Gauci, u Leanne Galea hija l-partner ta' Doreen Magri.

Illi minn dak li Mckay qal waqt id-depozizzjoni tieghu jirrizulta li ssellef is-segwenti ammonti:

- minghand Mario Gauci Lm44,100
- minghand Doreen Magri Lm22,500
- minghand Mary Muscat Lm 6,000
- minghand Carmelo Mangion Lm 7,000
- minghand Maurizio Zahra Lm32,200

Illi meta Mckay ghamel ir-rapport lill-pulizija huwa ta d-dettalji ta' l-ammonti li kien issellef minghand kull wiehed mill-imputati. Jidher li hemm diskrepanza f'l-informazzjoni li ta lill-pulizija kif komparata ma' dak li qal lill-Qorti ghaliex skond dak li qal lill-pulizija huwa ssellef:

- minghand Mario Gauci Lm49,600
- minghand Doreen Magri Lm44,000
- minghand Mary Muscat Lm 9,000
- minghand Carmelo Mangion Lm32,500
- minghand Maurizio Zahra Lm44,629

Illi minn dak li Mckay qal lill-pulizija jidher li l-pagamenti kollha li lahaq ghamel lil Mario Gauci, Doreen Magri u Mary Muscat tul is-snin ma jkopriex l-ammont kapitali misluf; jidher ukoll li lil Carmel Mangion hallsu s-somma ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) u lil Maurizio Zahra hallsu s-somma tmenin elf u tmien mitt Lira (Lm80,800). Ghandu jinghad minn dak li qal waqt id-depozizzjoni tieghu ma jirrizultax kemm hallas lura lil kull wiehed mill-imputati.

Illi fid-depozizzjoni tieghu Mckay jirrakkonta xi episodji ta' disgwid ma' uhud mill-imputati. Dwar Maurizio Zahra jghid li kien hemm okkazjoni[5] meta Zahra mar fir-restaurant u sab lil Fauizza (ic-chef) u qallu li jekk Mckay ma kienx ser ihallsu kien ser ihottlu ir-restaurant. Dwar Mary Muscat jghid li kienet waqqfitu fit-triq tghajjat, tghidlu li hi ma tibza' minn hadd u jekk ma nhallashiex kienet ser tigi r-restaurant u titfalu l-imwejjed il-bahar. Dwar Carmelo Mangion jghid li kien ikollu hafna telefonati minn ghandu u hafna theddied, pero ma jispecifikax x'kien ikun it-theddied hlif li darba

[5] Meta Zahra silfu l-ahhar elf Lira

qallu li jekk ma jhallsux kien ser jerga jibaghtu il-habs (lil Mangion). Mckay jghid li Mario Gauci u Doreen Magri qatt ma heddewh ghalkemm kellu xi argument ma' Magri. Fid-depozizzjoni tieghu Mckay iddeskriva diversi incidenti li kienu jikkoncernaw lil Anthony Borg.

Illi Mckay jghid ukoll fuq medda ta' erbgha snin missieru gibed is-somma ta' mija u erbghin elf Lira (Lm140,000) mill-bank biex jaghtihom lilu, u biegh id-dar ghall-prezz ta' mija u ghaxart elef Lira (Lm110,000).

Illi Anthony Mckay (missier Marvin) tressaq bhala xhud. Huwa kkonferma li sar jaf li ibnu qed ikun ta' spiss il-Foss il-Belt u meta ikkonfrontah ikkonfermlu li kien qed ikun hemm ghaliex kien issellef minghand Mario Gauci. Anthony Mckay mar ikellem lil Gauci li qallu li Marvin kellu jaghtih xi erbghat elef Lira; Anthony Mckay hallas dan l-ammont. Wara ftit granet Anthony Mckay sar jaf li ibnu kellu dejn ma' Doreen Magri ukoll. Anthony Mckay mar ikellem lil Magri li qalet li kellha tiehu xi tmient elef Lira li thallsu ukoll. Wara xi sena kien Anthony Mckay li ssellef hamest elef Lira minghand Doreen Magri biex ibnu Marvin ikun jista' jaghtihom lil Anthony Borg. Minn hemm, jghid Anthony Mckay, beda jaghti eluf kbar lil ibnu liema flus kollha hargu mill-kontijiet li kellu mal-bank u anke kellu jbiegh id-dar tieghu biex ikun jista jhallas id-dejn ta' ibnu. Anthony Mckay spjega ukoll li evetwalment sar jaf li ibnu kien issellef anke minghand Maurzio Zahra. Marru ghand Zahra u dan qal lil Anthony Mckay li kien silef ghaxart elef Lira lil Marvin u li taghhom kien diga hallsu ghoxrin elf Lira; Anthony Mckay jghid li huwa hallsu ghaxart elef ohra lil Zahra. Jirrakkonta ukoll li xi zmien wara li sar ir-rapport lil pulizija, u fil-mori ta' dawn il-proceduri, kien hemm okkazzjoni meta hu u Marvin kienu qeghdin fil-karozza u ghadda Zahra, waqqaf, hareg mill-vettura tieghu mar ghal fuq Marvin u qallu "tinsiex li ghadek it-tfal". Anthony Mckay intervjena ukoll ma' Carmelo Mangion pero din id-darba mhux talli ma hallas xejn lil Mangion (ghax fil-fehma ta' Anthony Mckay ma kellhomx jaghtuh flus) imma kien Anthony Mckay li saqsa lil Mangion ghal elf Lira (biex jirranga l-madum tar-restaurant) ghal liema ammont Mckay kellu jhallas mitt Lira imghaxx wara gimgha. Anthony Mckay ikkonferma li ibnu Marvin kien johrog cekkijiet minn fuq il-kont tieghu (cioe ta' Anthony).

Illi xehedu ukoll tlett zijiet ta' Marvin Mckay: Manuel Mckay, Paul Mckay u Alfred Mckay. Manuel Mckay ikkonferma l-verzjoni mghotija minn Marvin dwar l-incident li sehh meta Maurizio Zahra kien qed jippretendi hlas ta' elf Lira wara gurnata. Ikkonferma ukoll li Carmelo Mangion kien ta' spiss imur

jiekol fir-restaurant Al Mare u li almenu fi tlett okkazzjonijijet huwa ra lil Marvin jaghtih hames mitt Lira qabel ma jitlaq. Paul Mckay iddeskriva xi inkontru ma' Anthony Borg, fil-waqt li Alfred Mckay ikkonferma li huwa kien sellef hamest elef Lira lil Marvin u eventwalment sellfu ghoxrin elf Lira ohra. Alfred Mckay jiddeskrivi ukoll incident li nqala ma' Maurizio Zahra meta marru jhallsuh elf Lira.

Illi Raymond Fauizza tressaq ukoll bhala xhud. Huwa jirrakkonta li dam jahdem f'l-Al Mare restaurant tlett snin (sa' madwar nofs is-sena 2008) u fil-perjodu li kien jahdem hemm in-negozju kien mexa' l' quddiem hafna tant li lanqas kienu jaghmlu distinzjoni bejn granet fost il-gimgha u l-weekend daqs kemm kien ikollhom nies. Fauizza jispjega ukoll li Marvin Mckay ma tantx kien ikun fir-restaurnat u kien ihalli kollox f'idejh. Jghid li jaf li Mckay kellu xi problemi u li Mckay kien qal li huwa kien tilef hamsin elf Lira f'imhatra dwar l-elezzjoni. Fil-fatt Fauizza kien sellfu hmistax il-elf Lira; sebghat elef Lira f'pagamenet wiehed u l-bilanc f'diversi pagamenti li kien jaghddilu permezz ta' blank cheques[6]. Fauizza jghid ukoll li l-imputati kollha, hlif ghal Anthony Borg u Mary Muscat, kienu jmorru jieklu fir-restaurant u sa fejn jaf hu dejjem hallsu ghal dak li hadu. Fauizza zied li Mario Gauci u uhud mill-imputati l-ohra kienu jgiebulu flus fidda (*coins*) u li kien hemm okkazjonijiet meta hu (Fauizza) hallas lil Mario Gauci b'cheque minn tieghu ghal dawn il-fidda.

Illi prosekuzzjoni ressqet diversi provi ohra fosthom id-diaries tar-restaurant Al Mare ghas-snin 2007 u 2008, il-kontijiet bankarji ta' Marvin Mckay u Anthony Mckay kif ukoll informazzjoni dwar cekkijiet mahruga fuq il-kont ta' Raymond Fauizza. Giet prezentata informazzjoni ukoll dwar telefonati u messaggi mibghuta minn u lil Marvin Mckay.

Illi d-diaries tar-restaurant Al Mare ghas-snin 2007 u 2008 jikkoroboraw l-asserzjoni ta' Raymond Fauizza li fil-perjodu ta' qabel ma nbdew dawn il-proceduri r-restaurant kien sejjer tajjeb hafna u bil-fors kellu turnover tajba.

Illi jirrizulta ukoll li c-cekkijiet li hareg Fauizza fuq talba ta' Marvin Mckay kienu pagabbli lill-uhud mill-imputati u/ jew familjari taghhom: Maurizio Zahra, ommu Veronica, u martu Susan; Doreen Magri; Innocenza Muscat

[6] Fis-sens li l-persuna lil min kellu jkun pagabbli kien ikun blank ghaliex l-ammont tal-pagament kien jiktbu Fauizza.

oht Mario Gauci, Anisia Gauci bint Mario Gauci, u Susan Gauci mart Mario Gauci). Saru pagamenti ukoll lil Leann Galea is-shba ta' Doreen Magri.

Illi mil-kontijiet bankarji ta' Anthony Mckay jirrizulta li saru xi pagamenti mill-kontijiet tieghu ghall-kontijiet ta'loan jew overdraft f'isem ibnu Marvin, jirrizulta ukoll li saru xi zbanek ta' ammonti notevoli, apparentment fi flus kontanti. Il-kontijiet ta' Marvin Mckay min-naha l-ohra juru transazzjonijiet tipici ta' persuna li apparentment ghandha problemi ta' likwidita stante li l-kontijiet dejjem kienu *in debit*.

Illi mill-provi prodotti dwar mobile phones jirrizultaw pruvati t-telephone numbers ta' Marvin Mckay, ta' Leanne Galea, ta' Trixie Mangion (apparentment bint Carmel Mangion), u ta'l-imputati kollha hlif ghal dak ta' Doreen Magri. Jidher ukoll mir-rapport ta' Dr Martin Bajada li bejn Mejju 2007 u Lulju 2008 kien hemm skambju notevoli ta' telefonati u/jew sms's bejn Marvin Mckay u kull wiehed minn Mario Gauci, Trixie Mangion, Leanne Galea Mary Muscat; l-iskambju ma' Carmel Mangion kien ferm aktar notevoli fil-waqt li dak ma Maurizio Zahra kien wiehed negligibbli.

Illi ghandu jinghad ukoll li fil-kontro ezamijiet estensivi li saru lil Marvin Mckay irrizultaw diversi fatturi, fosthom:

- Kien hemm diversi okkazzjonijiet meta huwa mar ghand Mary Muscat u Doreen Magri biex jitlobhom il-flus u huma irrifjutaw li jaghtuh flus; kienu jaccettaw li jisilfuh wara hafna pressjoni (fuq medda ta' granet) da parti tieghu li jekk ma jisilfuhx kien ser ikollu jzomm ir-restaurant maghluq.
- Minkejja li l-ufficjal prosekutur hadmet ir-rendikont ta' x'issellef u x'hallas Mckay fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati fuq l-informazzjoni li taha huwa stess, Mckay qed jallega li huwa hallas aktar minn dak li hemm indikat fir-rendikont esebiet.
- A differenza ta' dak li implika Mckay meta kien qed jixhed lil Maurizio Zahra ma sarx jaf bih incidentalment meta kien f' l-gheqqel tal-problemi, imma kien ilu jafu minn meta kienu tfal; fil-fatt kien jaf lill-familja kollha tieghu.
- Jghid li lis-suppliers tar-restaurant ma kienx ihallashom u jimplika li minhabba f'hekk ir-restaurant kien sejjer lura, fatt li huwa kontradett minn dak li jghid Fauizza u minn dak li jirrizulta mid-diaries fuq imsemmija.

- Mckay jichad li huwa ghamel u tilef imhatra, ma' Murizio Zahra u familjari tieghu, dwar l-elezzjoni tas-sena 2008[7].
- L-imputat huwa involut f'xi tip ta' negozju u/jew transazzjonijiet ta' legittimita dubbja li fihom b'xi mod jew iehor huma involuti jew a konnoxxenza taghhom Doreen Magri u Leann Galea, u Maurizio Zahra.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li fost il-hafna dokumenti esebieti hemm ukoll l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati. Peress li l-imputati ma kienux inghataw d-dritt li jikkonsulataw ma' avukat[8] l-Qorti m'hu ser taghti l-ebda piz probatorju lil dawn l-istqarrijiet. Jigi rilevat ukoll li l-imputata Doreen Magri prezentat recording ta' konverzazzjoni li allegatament sehhet bejn Marvin Mckay u Leann Galea; gie anke nominat espert biex din il-konverzazzjoni tigi traskritta. Irrizulta pero li l-kwalita tar-recording hija tant hazina li dak li seta' jigi traskritt huwa *disjointed* u minnhu ma tistax tiftihem il-konverzazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li din it-traskrizzjoni (u r-recording) ukoll ma tistax tinghata valur probatorju ghaliex diskors jista' jittiehed in konsiderazzjoni u ghandu jinghata valur probatorju jekk jirrizulta ukoll in reazzjoni ghal xiex ntqal u dan fil-kuntest tal- konverzazzjoni shiha li minnha kien jifforma parti.

Illi l-imputat Maurizio Zahra ta d-depozizzjoni tieghu. Fil-waqt li huwa jichad li qatt sellef flus lil Mckay huwa jghid li kien hemm negozju bejniethom relatat ma sigaretti u xorb u li ghamlu imhatra dwar ir-rizultat ta' l-elezzjoni tas-sena 2008 u li kien biss in konnessjoni ma' dawn lil Mckay kellu jaghtih xi flus. Huwa jaghti xi dettalji ta' dan in-negozju u anke kif waslu biex ghamlu l-imhatra; huwa pero jammetti li kien taf elf Euro meta Mckay kien il-vera daru mal-hajt u ma kienx ser ikun jista' jiftah ir-restaurant.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputati kollha hija dik prospettata f'l-artikolu 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dik dwar self b'uzura.

Illi l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna biex jissussisti r-reat kontemplat f'l-artikolu 298C tal-Kapitolu 9 hu li dak li jkun jikseb **weghda** li jinghata b'

[7] Ramond Fauizza kien xehed li Mckay kien qal lil bank manager li huwa kien tilef imhatra dwar l-elezzjoni

[8] Fil-perjodu li gew rilaxxjati l-istqarrijiet kien ghadu ma ddahhalx fis-sehh dan id-dritt.

korrispettiv ta' self, imghaxijiet (jew xi qliegh iehor) b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Ghalhekk, indipendentement minn dak li seta’ hallas effettivament Mckay lil kull wiehed mill-imputat, dak li jrid jirrizulta biex l-imputat jkunu jistghu jinstabu hatja tar-reat issa in ezami huwa li huma sellfu flus lil Mckay u li ghal kull ammont li huma sellfu gie miftiehem imghaxx in eccess minn dak permess mill-Ligi.

Illi l-unika prova in sostenn ta’ din l-allegazzjoni hija sa certu punt l-kelma ta’ Marvin Mckay u ghalhekk ir-rizoluzzjoni ta’ din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita o meno ta’ l-imsemmi Marvin Mckay.

Illi f’dan ir-rigward ghandu jinghad li Mckay jidher li gie kontradett f’xi aspetti tad-depozizzjoni tieghu, bhal per ezempju dwar kemm kien sejjer tajjeb r-restaurant, dwar jekk kienx tilef xi imhatra dwar l-elezzjoni tas-sena 2008, dwar kemm kien ilu jaf lill-imputat Maurizio Zahra. Dawn l-elementi pero m’humiex centrali ghall-mertu in ezami. Minkejja li jidher li r-restaurant kien frekwentat mhux hazin fis-snin 2007 u 2008, l-istatements tal-bank juru li l-kontijiet relatati man-negozju dejjem kienu *in debit*. Dan ifisser li minkejja l-ammont ta’ nies li kienu qed jiffrekwentaw ir-restaruant, it-turnover tan-negozju xorta ma kienx sufficjenti biex Mckay jibbilancja l-kotba. Del resto Fauizza stess jikkonferma li kien hemm okkazzjonijiet meta l-isuppliers kellu jhallashom hu stess. Dwar l-imhatra relatata ma’l-elezzjoni tas-sena 2008, anke kieku l-Qorti kellha taccetta l-allegazzjoni li Mckay (u anke missieru) ghamel u tilef imhatra ma’ Zahra dwar l-elezzjoni tas-sena 2008, il-problemi ta’ Mckay kienu ilhom ghaddejjin snin u l-unika effett li seta’ kellha kien li tkompli tgharraq sitwazzjoni li diga kienet prekarja.

Illi ghandu jinghad ukoll li, kif rilevat aktar ‘l fuq, hemm diskrepanza f’dak li qal Mckay lill-Qorti u dwar dak li apparentment qal lill-pulizija dwar l-ammonti mislufa. Anke hawn pero l-Qorti hija tal-fehma li d-diskrepanzi mhumiex daqshekk detrimentali. Mir-rendikont li preparat l-ufficjal prosekutur hemm xi ammonti kapitali li jidhru li ssellfu li pero ma jirrizultawx mid-depozizzjoni ta’ Mckay. Min-naha l-ohra pero, kull ammont li ssemma’ minn Mckay fid-depozizzjon tieghu jirrizulta ukoll fir-rendikont ta’l-ufficjal prosekutur. Aktar minn hekk dak li qal Mckay lill-Qorti fuq it-termini mifthema dwar rifuzzjoni tal-kapital u hlas ta’ imghaxx ghal kull wiehed minn dawn l-ammonti, jaqbel ma dak li qal lill-pulizija.

Illi minbarra dan Mckay huwa korroborat ukoll f’ diversi aspetti tar-rakkont tieghu minn dak li qalu missieru u z-zijiet tieghu li hallsu diversi ammonti

f’isem Mckay u anke intervjenew ma’ l-imputati f’isem Mckay u, wara li nnegozjaw l-ammonti, hallsu xi djun f’ismu.

Illi dan premess, u tenut kont tal-principji assodati fil-Ligi u fil-gurisprudenza li mhux kull kunflitt ghandu jwassal ghall-liberatorja, il-Qorti, wara li rat lil Mckay jiddeponi diversi drabi f’dawn il-proceduri u wara li ezaminat il-provi kollha prodotti f’l-assjem taghhom, hija konvinta li Marvin Mckay issellef minghand kull wiehed mill-imputati u li ghal kull ammont misluf gie miftiehem ammont ta’ imghaxx oghla minn dak permess mill-Ligi. Kif diga ntqal mid-depozizzjoni tieghu ma jirrizultax kemm fil-fatt Mckay hallas lil kull wiehed mill-imputati pero ai fini ta’l-imputazzjoni in ezami relevanti hija il-weghda li tkun saret u mhux kemm fil-fatt thallas ai termini ta’ dik il-weghda.

Illi konsegwentement il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata fir-rigward ta’l-imputati kollha.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li kkwazaw f’ Marvin Mckay biza’ li ser tintuza vjolenza kontra tieghu jew ta’ familjari tieghu.

Illi l-unici episodji li jsemmi Marvin Mckay u li jistghu b’xi mod jitqiesu bhala prova in sostenn ta’ l-imputazzjoni issa in ezami huma tlett episodju li jikkoncerna lil Maurizio Zahra, Carmelo Mangion, u Mary Muscat rispettivament.
Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jissussisti r-reat issa in ezami huwa mehtieg dak l-imsejjah *course of conduct;* ghalhekk fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati jridu jirrizultaw ghadd ta’ incidenti fejn b’l-agir taghhom l-imputati kkawzaw f’Mckay biza’ li ser tintuza vjolenza fil-konfront tieghu. Din il-provi hija ghal kollox nieqsa fil-proceduri odjerni.

Illi konsegwentement it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati Mario Gauci u Maurizio Zahra qed jigu addebietati ukoll bir-recidiva.

Illi l-unika prova in sostenn ta' dan l-addebietu hija zewg sentenzi mghotija fil-konfront ta' Mario Gauci; it-tnejn huma datati 26 ta' April 2006 u fit-tnejn li huma Gauci gie ikkundannat gimgha prigunerija sospieza ghal sitt xhur. Ma ngiebet l-ebda prova li dawn iz-zewg sentenzi iddahhlu fis-sehh, ghalhekk ai termini ta' l-artikolu 28F tal-Kapitolu 9 Gauci ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 biss u mhux ta'l-artikolu 50 ukoll.

Illi ma giet prezentata l-ebda sentenza li setghet inghatat fil-konfront ta'l-imputat Maurizio Zahra ghalhekk l-addebietu tar-recidiva fil-konfront tieghu ma jistax jirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom. Qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li ma jirrizultax mill-atti processwali kemm fil-fatt hallas Marvin Mckay lil kull wiehed mill-imputati; il-Qorti ma tistax taghti ordni ai termini ta' l-artikolu 298C(5) tal-Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti:

- tiddikjara il-procediment ezawriet fir-rigward ta'l-imputat Anthony Borg stante il-mewt tieghu fil-mori tal-proceduri;

- fil-waqt li ma ssibx lill-imputati **Doreen Magri, Mary Muscat u Carmel Mangion** hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnha, wara li rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibhom hatja ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundanna lil kull wiehed minnhom **erbgha xhur prigunerija u multa ta' hames telef Euro (€5,000).**

- fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Mario Gauci** hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 18, 49 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, b'dan li mhux qed jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 immu ta'l-artikolu 49 biss, u tikkundannah **erbgha xhur prigunerija u multa ta' sitt elef Euro (€6,000).**

- fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Maurizio Zahra** hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-

imputazzjoni l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah **erbgha xhur priguneriјa u multa ta’ hames telef Euro (€5,000).**

In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikundanna lill-imputata **Doreen Magri** biex thallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ erbgha mija tnejn u tmenin Euro (€482)[9], u qed tikkundanna lil **kull wiehed mill-imputati l-ohra** biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ mija u tnejn u ghoxrin Euro (€122)[10], ammonti li jirraprezentaw spejjez rinkorsi mal-hatra ta’ esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[9] Sehemha (1\6) mill-ewwel rapport ta’ Dr Martin Bajada u l-ammont kollu fir-rigward tat-tieni rapport ta’ Dr Bajada.
[10] Sehemhom (1\6) mill-ewwel rapport ta’ Dr Martin Bajada.